**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Said Sarreo]**

**vs**

**Robert Galea**

**Kumpilazzjoni Numru: 382/17**

**Illum, 20 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Robert Galea detentur tal-karta tal-identita` numru 229581(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar id-19 ta` Dicembru, 2013, ghal habta ta' bejn 12:00pm u s-01:00pm, minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta` Kenneth Hardware Stores, li jinsab gewwa Triq Castaldi, Zabbar, ikkommetta serq ta` driller li l-valur tieghu jeccedi l-€232.94, ghad-dannu ta` Kenneth Pullicino u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;
2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex:

Tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li jidhrilha xieraq;
Barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ta' Malta ghas-sigurta` ta' din il-persuni hawn fuq indikata; u
F'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat illi apparti ir-reat ta' serq l-imputat gie addebitat lilu l-akkuza tar-recidiva;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-Pre Sentening Report mitlub mid-difiza ipprezentat fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 2016 redatt mill-ufficjal tal-Probation Rhona Custo`;

Rat illi dawn l-akkuzi jirrisalu ghas-sena elfejn u tlettax (2013) u li nel frattemp l-imputat qatt ma rrijabilita' ruhhu mill-abbuz ta' droga u l-anqas wera tali xewqa;

Rat il-konkluzjonijiet tal-istess ufficcjal tal-Probation Rhona Custo` fejn qalet *inter alia* illi:

***"Robert Galea inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati ta' Malta sabiex jirriabilita ruhu izda minkejja dan huwa qatt ma fittex ghajnuna professjonali sabiex ikun jista' jindirizza l-problema tad-droga li jidher wasslet ghal hafna mir-reati li huwa kien involut fihom. L-imputat were koperazzjoi mal-ufficjal tal-Probation fir-rigward tal-appuntamenti gewwa l-Ufficcju tad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole izda mhux qieghed jattendi ghal sessjonijiet mal-key worker tieghu fi hdan l-Agenzija Caritas. Ghaldaqstant, ghalkemm jghid li jixtieq jindirizza l-problema ta' droga, huwa mhuwiex qieghed jaghmel dak kollu possibbli sabiex jiehu l-ghajnuna necessarja. Jidher il-bzonn li Robert Galea jibda u jittermina b'success programm ta' riabilitazzjoni residenzjali izda mhuwiex juri motivazzjoni u ghaldaqstant ikun ghaqli li din il-problema tigi indirizzata waqt li huwa jkun f'ambjent ristrett.***

***Ghaldaqstant qed jigi umilment rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Robert Galea jinghata piena ta' prigunerija effettiva, fejn f'dan il-perjodu jekk kemm-il darba l-imputat juri motivazzjoni, ikun jista' jinghata l-opportunita' li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Dan ghaliex minkejja li huwa diga' nghata diversi opportunitajiet min-naha tal-Qorti sabiex jirriabilita ruhu permezz ta' sanzjonijiet fil-komunita', m'gharafx jisfrutta dawn l-anqas ma gharaf jilqa' l-ghajnuna offruta lilu fir-rigward tal-problema tad-droga matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport".***

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ghaliex harsa fil-fedina penali tal-imputat juri kemm huwa nghata diversi okkazjonijiet ta' rijabilitazzjoni izda dan qatt ma kien kommess sabiex jeghleb dan il-vizzju. Il-Qorti thoss illi jekk terga' taghti can iehor lill-imputat dan kwazi certament ser jerga' jaqa' u jkompli bil-vizzju tad-droga u konsegwentement ser jerga' ixellef difrejh mal-gustizzja billi jisraq stante lil huwa persuna dizokkupata. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation li rrakkomandat sentenza ta' habs effettiv.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-imputat **Robert Galea** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih stante ammissjoni wara li rat l-Artikoli 49 u 50 u l-Artikoli 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija. Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex jaghti kull facilita` medika u psikologika lill-imputat sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u forsi finalment jinghata d-dritt li jaghmel programm appozitu.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**